



KOMUNIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR IL- PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

Kull persuna għandha dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

L-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni huwa rregolat mir-Regolament 2018/1725 (ĠU 2018, L 295, p. 39).

Din il-komunikazzjoni tispjega għaliex u kif id-data tiegħek tintuża fil-kuntest tal-ipproċessar inkwistjoni.

KUNTRATTI PUBBLIĊI

Min huwa l-kontrollur tad-data?

Il-kontrollur tad-data għal dan l-ipproċessar huwa l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Qorti tal-Ġustizzja").

Għalfejn għandna bżonn id-data tiegħek?

Għandna bżonn id-data personali tiegħek, ipprovduta minnek bħala kandidat/offertant kif ukoll bħala impjegat jew subappaltatur tal-kandidat/offertant għal sejħa ta' offerta, li tirrigwarda b'mod partikolari:

- data ta' identifikazzjoni;
- dettalji ta' kuntatt;
- kariga okkupata;
- estratt mir-rekord kriminali;
- ċertifikati dwar il-ħlas jew (in-nuqqas ta' ħlas) ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew ta' taxxi;
- data bankarja;
- informazzjoni biex jiġu evalwati l-kriterji tal-kapaċità teknika u ekonomika (*curriculum vitae*, lista tal-kisbiet jew pubblikazzjonijiet prinċipali, dikjarazzjonijiet mill-banek jew prova ta' assigurazzjoni kontra riskji professjonali) u ta' esklużjoni (dikjarazzjoni fuq l-unur li huma ma jinsabux f'sitwazzjoni ta' esklużjoni)



- il-kontenut tal-offerta tiegħek.

Il-konsultazzjoni u l-ipproċessar tad-data personali fil-kuntest ta' kandidatura għal sejħa għal offerti jitwettqu għall-ġestjoni tal-proċedura ta' kuntratt pubbliku għall-akkwist ta' beni u servizzi għall-bżonnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Fil-każ ta' konklużjoni ta' kuntratt mal-Qorti tal-Ġustizzja, id-data segwenti tiegħek, jiġifieri l-benefiċjarju, ir-reġjun, il-pajjiż, l-ammont u s-suġġett tal-kuntratt, tista' tiġi pproċessata għall-finijiet ta' pubblikazzjoni possibbli.

Dan l-ipproċessar huwa neċessarju biex jiġi osservati l-obbligi imposti mir-Regolament Finanzjarju 2024/2509 (iktar 'il quddiem ir-"RF"), b'mod partikolari l-Artikoli 38, 138 sa 143, 163 sa 182 u l-Anness I, li jirregolaw il-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi tal-Istituzzjonijiet.

Konformement mar-RF, għandek għalhekk tipprovdi d-data personali inkwistjoni.

Jekk tagħżel li ma tipprovdix id-data tiegħek, il-parteċipazzjoni tiegħek fil-proċeduri ta' kuntratt pubbliku organizzati mill-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx possibbli.

Kif irċevejna d-data tiegħek?

Irċevejna d-data tiegħek permezz ta' diversi dokumenti personali li inti ppreżentajt lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' kandidatura għal sejħa għal offerti.

Min għandu aċċess għad-data tiegħek?

Id-data personali tiegħek hija aċċessibbli:

- għall-persuni li jaħdmu taħt l-awtorità tal-uffiċjal awtorizzanti kompetenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u li huma responsabbli biex jassistuh fil-ġestjoni tal-proċedura ta' għoti ta' kuntratt;
- għall-membri tal-kumitat tal-ftuħ tal-offerti u tal-kumitat tal-evalwazzjoni tal-offerti u tat-talbiet għall-parteċipazzjoni (li jistgħu jkunu interistituzzjonali);
- għall-membri tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwist Pubbliku (CCMP);
- għal ċerti membri tal-persunal tad-Direttorat għall-Baġit u għall-Affarijiet



Finanzjarji sabiex tiddaħħal informazzjoni fis-sistema ta' ġestjoni finanzjarja u kontabbli kif ukoll għall-verifika dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet;

- għall-persuni li jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kummissjoni Ewropea. Peress li ċerti proċeduri ta' għoti ta' kuntratt jiġu organizzati bl-użu tal-għodod elettroniċi amministrati mill-Kummissjoni Ewropea, din tal-aħħar hija l-proċessur tad-data għall-imsemmija proċeduri;
- għall-pubbliku: ċerta data personali tal-offerenti magħżula għall-kuntratti pubbliċi għandha tiġi ppubblikata, possibbilment permezz ta' entitajiet oħra, bħall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea (li hija responsabbli tal-Financial Transparency System, jew FTS), sabiex jiġu osservati d-dispożizzjonijiet tar-RF. Id-data kkonċernata hija s-segwenti: il-benefiċjarju, ir-reġjun, il-pajjiż, is-suġġett tal-kuntratt u l-valur tiegħu.

Għal kemm tinżamm id-data tiegħek?

Id-dokumenti relatati mal-proċeduri ta' kuntratti pubbliċi jinżammu għal perijodu ta' 10 snin li jibdew jgħaddu mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja wara dik li fiha jsir l-aħħar att ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt jew li fiha tiskadi l-garanzija kuntrattwali jew legali li minnha tibbenefika l-awtorità kontraenti fil-kuntest tal-kuntratt.

Il-perijodu jista' jiġi estiż jekk ikun pendenti awditu tal-Qorti tal-Awdituri jew tkun pendenti kawża fl-iskadenza tal-perijodu indikat fil-paragrafu preċedenti.

Il-formoli u d-dokumenti li tissottomettilna huma wkoll arkivjati elettronicament fis-sistema kontabbli.

Id-data personali ppubblikata fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja u fuq is-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja amministrata mill-Kummissjoni tibqa' disponibbli fuq dawn is-siti internet għal perijodu ta' sentejn. Id-data personali ppubblikata fuq is-sit internet tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea tibqa' disponibbli.

Liema huma d-drittijiet tiegħek?

Konformement mar-regoli applikabbli fil-qasam, għandek dritt titlob lill-kontrollur tad-data aċċess għad-data tiegħek, għar-rettifika tagħha, għat-tneħħija tagħha jew id-dritt li titlob restrizzjoni ta' pproċessar.



Barra minn hekk, tista' tikkontesta l-ipproċessar għal raġunijiet imperattivi marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek.

Qed tinġibed l-attenzjoni tiegħek għall-konsegwenzi ta' talba għal tneħħija, li tista' twassal għal emenda tat-termini tal-offerta u twassal għaċ-ċaħda tagħha konformement mal-Artikolu 143 tar-RF.

Kif tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek? Lil min għandek tikkuntattja?

Tista' tikkuntattja lill-kontrollur tad-data (il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea) bil-modi segwenti:

Indirizz elettroniku: dataprotection_finance@curia.europa.eu

Indirizz postali: Cour de justice de l'Union européenne
L-2925 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tingħata risposta għat-talba tiegħek mill-iktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ f'terminu ta' xahar. Skont il-bżonn, dan it-terminu jista' jiġi pprorogat.

Tista' wkoll tikkuntattja lill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tal-Qorti tal-Ġustizzja: DataProtectionOfficer@Curia.europa.eu

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Għandek dritt tressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jekk tqis li l-ipproċessar tad-data personali li tikkonċernak ma jkunx konformi mar-Regolament 2018/1725.